MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 436/2011

**Kevin Camilleri (K.I. 667052M)**
**ezercenti fil-kummerc taht l-isem**
**Kevin Camilleri Auto Mechanic**
**Vs**
**Charles Muscat personalment**
**kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza**
**tad-ditta MCS Building Solution**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta li l-konvenut qabbad lir-rikorrenti isewwi u jaghmel *full service* fuq Sky-Jack; illi ta' xogholu l-esponenti talab li jithallas l-ammont ta' elf, tlett mija, disgha u tletin ewro (€1339); illi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallsu; ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom ihallsu s-somma ta' elf, tlett mija, disgha u tletin ewro (€1339) rapprezentanti xoghol maqghmul mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenuti jew min minhom u dan bl-

ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fit- 3 ta’ Gunju 2011 li ecceppew illi t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-inkarigu moghti lill-attur ma giex espletat billi l-problemi w difetti li kellu l-l skyjack baqghu hemm wara li dan qal illi x-xoghol fuqu kien lest. Ghalhekk l-esponent qed jirrifjuta li jhallas is-somma pretiza.

Ra l-atti kollha.
Sema’ x-xhieda tal-konvenut Charles Muscat, Catherine Giordanella u Carmel Camilleri.
Ra d-dokumenti prezentati.
Ra il-verbal tal-24 ta’ Jannar, 2013 li bih din it-talba thalliet is-sentenza.

Illi in forza ta’ din l-azzjoni l-attur qed jitlob ghall-hlas ghax-xoghol fuq makkinarju propjeta tal-konvenut.

Illi mix-xhieda li naghatat irrizulta li il-konvenut Charles Muscat kien xtara *scissor lifter* ossia tip ta’ *mobile platform* li jitla’ u jinzel biex jaghmel xoghol fuq is-sulari tal-bini. Dan kien iccerfikat in *good condition* pero’ wara sena bdew johorgu difetti. Il-konvenut qal li kien tkellem mal-mekanik tieghu Charles Vella li kien issuggerilu lill-*electrician* Charles Camilleri biex jghamillu *service* fuq il-magna nkluz ukoll jirrangalu l-*electrical faults.* Fuq parir tal-*electrician* kien qabbad lil Kevin Camilleri ghaliex skont l-*electrician* kien hu li jifhem fuq il-*hydraulics*. Il-problema li kellu l-makkinarju kellu *high speed* pero’ meta kont tpoggieh fuq *fast* dan ma kienx jimxi bil-pass mghaggel. L-*electrician* hadem mal-attur biex isolvulu l-problema. L-*electrician* kien ghamel *safety lights* u kien thallas ta’ xoghlu. Kienu ghamlu gurnata jahdmu fuqu. Meta gew biex juzaw il-makkinarju dan hadem ghall-ewwel (ghal xi tlett mitt (300) metru) pero’ wara ftit rega’ beda jimxi bil-mod u infatti zamm it-traffiku. L-attur u l-*electrician* regghu gew biex jaraw x’gara u skont l-attur il-problema kienet is-*solenoid valve*. Hu kien qallu li dan kellu jinbiddel. Il-konvenut jghid illi hu ppretenda li dan jaghmlu l-attur bhala parti minn xogholu pero’ gimgha wara rcieva

kont fis-somma elf mija u erbgha u erbghin ewro (€1,144). Hu qed jikkontesta l-hlas ta’ dan il-kont ghaliex il-makkinarju baqa’ wieqaf. Kemm-il darba offrielu li jhallas somma bhala kompromess imma l-attur m’accettax.

**Catherine Giordanella** kkonfermat li l-attur kien hadem fuq il-makkinarju gurnata bejn it-8.00 a.m u 8.30 a.m u l-4.30p.m. Illi pero’ meta gew biex ihaddmuh dan ma hadimx kif suppost.

Xehed **Carmel Camilleri** u kkonferma li l-makkinarju kellu difett u cioe’ li l-*fast setting* ma kienx qed jahdem. Kien informa lill- konvenut illi l-problema kienet wahda ta’ *hydraulics* u mhux zejt u ghalhekk kien issugerixxa li jqabbad lil xi haddiehor, f’dan il-kaz l-attur. Wara li hadmu fuqu, l-konvenut kien rega’ qalilhom biex imorru ghaliex kellha l-problemi. Ix-xhud ikkonferma li kien minnu li dan ma kienx qed jahdem sew pero’ ddikjara li ma kinitx l-istess problema imma *valve* li s-Sur Muscat ma ridx jixtri hu.

**Ikkunsidra:**

Hareg mit-trattazzjoni illi il-konvenut mhuwiex qed jikontesta l-ewwel parti tal-kont u dan ghaliex ix-xoghol sar, ghalkemm zied li jhoss li kien esagerat. Illi pero’ fir-rigward tat-tieni parti tal-kont dan kien dwar id-difett li kien fis-*settings* u minkejja li sar xoghol dan ma ssewwiex - ghalhekk m’ghandux jithallas.

L-unika spjegazzjoni li nghata t-Tribunal dwar l-ghaliex ghandu jithallas l-attur hareg mix-xhieda tal-*electrician* (li hadem mal-attur). L-*electrician* qal li r-raguni ghaliex ma hadmux is-*settings* kienet problema ohra u differenti. L-ewwel probema kienet fis-*switch* u t-tieni kienet fis-*solenoid valve*. Illi hareg, illi kien hemm dizgwid ukoll fuq dan ghaliex il-konvenut ippretenda illi l-attur jixtrih u jaghmel dan bhala parti mill-inkarigu tieghu.

Il-kontestazzjoni li giet ipprezentata lit-Tribunal mill-konvenut huwa li mill-bidu l-makkinarju kellu jimxi bil-pass mghaggel biex jghaddi mit-toroq u ma jikkawzax

traffiku. Kemm il-konvenut u bintu xehdu li din kienet il-problema ewlenija u li ghalih gie nkarigat l-attur. Issa jidher illi wara gurnata xoghol li ghamel l-attur fuqu u anke *service* fuq il-makkinarju, dan id-diffett ma ssewwix.

Jidher illi l-attur li huwa biss il-persuna teknika li seta’ jiccara l-problemi u s-sitwazzjoni lit-Tribunal u anke jaghti il-verzjoni tieghu. Pero’ dehrlu li ma kellux ghalfejn jitla’ jaghti spjegazzjoni hu lit-Tribunal. It-Tribunal jhoss illi kien jinkombi fuq l-attur li jgib prova li l-problemi kienu differenti u li forsi problema inhalqet wara u mhux tort tal-fatt li m’ghamilx xogholu sew.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkonsidra li l-attur ma gabx il-provi kollha necessarji in sostenn tat-talba tieghhu specjalment fid-dawl tax-xhieda u kontestazzjoni tal-konvenut. It-Tribunal jidhirlu li l-attur kellu jghid ghaliex din il-problema ma gietx indirizzata qabel u cjoe’ meta hadem fuqha l-ewwel gurnata. Ghalhekk ma harigx car x’kienet id-diferrenza bejn l-ewwel problema u t-tieni problema fid-dawl tal-problema ewlenija ossija il-*fast speed setting*.

It-Tribunal, ghalhekk, ghandu jikkonsidra l-fatti kif gew prezentati lilu. Min-naha johrog illi kien hemm xoghol ta’ gurnata fejn l-*electrician* hadem mal-attur u kien hemm ukoll *on site inspection,* fejn l-attur informa lill-attur li kellu bzonn jixtri *solenoid*. Ghal dan gie prezentat kont ta’ elf mija u erbgha u erbghin ewro (€1144.00). It-Tribunal jinnota li fl-avviz l-ammont mitlub kien ta’ elf tliet mija u disgha u tletin ewro (€1339.00) – imma ma tressqux provi ohra ghall-bilanc. Ghalhekk, it-Tribunal ser jghaddi biex jikkunsidera biss l-invoice, CM1 a fol. 15, tal-process. Illi mill-provi jirizulta illi l-attur qed jitlob is-somma ta’ elf, mija u erbgha u erbghin ewro (€1,144.00) ghax-xoghol ta idejh ossia ghal-hin li ghamel jahdem fuq il-magna. Illi meta tikkunsidra il-hin, u cioe’ mhux aktar min ghaxar (10) sighat, u anke il-fatt li l-makkinarju ghadu ma jahdimx sew dan hu ammont gholi hafna.

Ghalhekk, in vista tal-provi mressqa w c-cirkostanzi kollha tal-kawza, t-Tribunal *arbitrio* u *boni viri,* jilqa’ t-talba in

parte fl-ammont ta’ sitt mija hamsa u hamsin ewro (€655.00) bl-imghaxijiet jidekorru mid-data tal-avviz sal-gurnata tal-pagament effettiv. Spejjes relativi ghall-prezenti sentenza ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------